Wara ftit b'leħen imriegħed
Dan issokta jistaqsih
Għas-Sinjura l-Ispanjola,
L-ieħor wieġeb minnufih:
"Dik il-mara wisq ħanina
Ta' kuljum tibgħat għalija,
L-ewwel ħaġa li ssaqsini
Għall-aħbar ta' Ġammarija."

Dan il-bniedem malli sama'
Minn fomm l-iswed daw' l-kelmiet
Tgħannaq miegħu, beda jolfoq
U faqqagħlu żewġ bewsiet.
Waslu t-Torri, hemm ġew daħlu,
Wara ftit joħroġ l-irsir
U bir-rkib għad-dar il-ħamra
F'daqqa waħda dan itir.

* * *

Dolores bħal berqa
Dlonk ħarġet mid-dar
U ġriet lejn it-Torri
X'ħin semgħet l-aħbar.
Min qatt jista' jfisser
X'ħassew dak il-ħin
Il-wieħed u l-oħra
Kif raw lil xulxin ?
"Maħbuba Dolores !"
"Maħbub Ġammarija !"
Fis ħarġet minn fommhom
Dil-għajta qawwija.
Hi ntafgħet fi ħdanu,
U bdiet tgħannqu magħha,
U beda l-bews tiegħu
Jitħallat ma' tagħha.
Fil-waqt qabżet qaltlu:
"Naħarbu minn haw'."
"Le," wieġeb, "haw' nibqgħu
Biex nara lil Slaw."

"Il ħatnek ? !" staqsietu
"Taf int minhu dak ?
Dak hu l-għadu tiegħek;
'Llaħares jarak !"
"Dak kien li ried joqtlok
Għar-regħba tal-ġid,
Li kien qarraq bija,
Ħaqarni mhux ftit."
Fil-ħin Ġammarija
Sar donnu xitan,
U ħalef fuq ismu
Li joqtol lil dan.
Imqabbda ma' driegħu
Bdiet tiġbdu, tmexxih,
Il-bieb haw' infetaħ,
Slaw feġġ minnufih.
Kif sabhom quddiemu
Il-kiefer heddidhom,
U fl-eħrex taqbida
B'sejf f'qalbhom niffidhom.

Midruba fl-art waqgħu
Flimkien imgħannqin
U ntemmu f'ħin wieħed
Iż-żewġ imsejknin !

*Miktuba versi minn* Ġ. Calleja

# IN-NISEL TAL-ISEM TA' "GĦAWDEX"

Bosta jaħsbu illi l-isem tal-lum tal-Gżira ta' Kalypso—*Għawdex*—(għand Idrisi—*Għûdex*) huwa ta' nisel Għarbi, u tawh il-Għarab fi żmien il-ħakma tagħhom, u ġej mill-kelma *għadsa*, bil-lhudi *għadaxa*, "lentil", kif għandna bosta ismijiet oħra ta' gżejjer żgħar li ħaduhom minn żrieragħ—Filfla (=pepper), Kemmuna (=cumin-seed), Linosa (=lin-seed) eċċ; iżda ma hemmx dubju illi il-kelma *Għawdex* hija qadima, u ma hix ħlief tagħwiġa tal-isem antik tal-gżira.

L-ewwel isem ta' Għawdex li nafu bih huwa *Gwl*. Insibuh f'waħda mill-iskrizzjonijiet ta' Malta, (C. I. S. i, 132) tat-tieni jew it-tielet sêklu qabel Kristu, li titħaddet mit-tiswija ta' erba' mqades magħmula mill-pôplu għawdxi (*għam Gawl*). Minn iskrizzjonijiet latini (per es: C.I.L. x, 7508) nafu illi l-kelma kienet titħarrek *Gawl*.

*Gawl* għaddiet fl-iskrizzjonijiet griegi sewwa bħala *Gaulos,* kemm bħala *Gaudos.* (1)

L-ewwel forma għaddiet fil-Latin. *Gaulus, Gaulitani*, u l-oħra—fil-Latin tal-Knisja l-aktar—*Gaudisium, Gaudisienses.*

*Gaudisium* allura mxiet mar-regula tal-Latin popolari, u saret**Godso*, (2) fi żmien l-ispanjoli *Gozzo*, u fl-aħħar, fit-taljan, *Gôzo*. Minn naħa l-oħra *Għawdex* mhux ħlief il-latin *Gaudis*-ium, bit-tarf mormi.

Xi tfisser *Gawl ?* U għaliex il-Feniċi taw lill-Gżira l-isem ta' *Gawl ?* *Gûl* jew *gawl* fl-ilsna xemin tfisser "tazza kbira (l. *crater*), u dan l-isem donnu kien jixraq lil Għawdex imħabba s-sura tiegħu ovali, ħofri fiċ-ċentru u mdawwar b'ċirku ta' għoljiet mal-plajja kollha. Il-għerq tal-kelma huwa fil-għarbi *ġal, jġul* "to go round," lhudi *gul, to roll up, to form a ball or circle.* Mill-istess għerq għandna wkoll *gelgul, ġolġol* u *ġulġlien*, u *ġel* fil-kelma *ġellewż*, li tfisser "*lewż tond*". Il-bqija darba oħra.

G. Micallef

(1) Herodotos (c. 484-425 q. K.) kiteb *Gaudos;* dan juri li *Gawl* hi antika bosta iżjed.

(2) *au=o* cf. *causam=cosa; caudam=coda; taurum=toro* eċċ.